# IL-POLITIKA EWROPEA TAL-VIĊINAT

Il-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) tapplika għall-Alġerija, l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, l-Eġittu, il-Georgia, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Libja, il-Moldova, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja, it-Tuneżija u l-Ukrajna. Hija għandha l-għan li ssaħħaħ il-prosperità, l-istabbiltà u s-sigurtà ta' kulħadd. Hija bbażata fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u hija politika bilaterali bejn l-UE u kull pajjiż sieħeb, b'inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali: is-Sħubija tal-Lvant u l-Unjoni għall-Mediterran[1].

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

— it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (azzjoni esterna);

— l-Artikoli 206-207 (kummerċ) u 216-219 (ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

## L-OBJETTIVI ĠENERALI

Permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV), l-UE toffri lill-ġirien tagħha relazzjoni privileġġata, li tibni fuq impenn reċiproku għal valuri komuni (id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, il-prinċipji tal-ekonomija tas-suq u l-iżvilupp sostenibbli). Il-PEV tinkludi l-koordinazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika aktar profonda, aktar mobbiltà u kuntatti interpersonali. Il-livell ta' ambizzjoni tar-relazzjoni jiddependi minn kemm dawn il-valuri huma kondiviżi. Il-PEV tibqa' distinta mill-proċess ta' tkabbir, għad li din ma tippreġudikax kif ir-relazzjonijiet bejn il-pajjiżi ġirien u l-UE jistgħu jiżviluppaw fil-futur. Fl-2011, l-UE għamlet rieżami tal-PEV u, b'reazzjoni għall-iżviluppi fil-pajjiżi Għarab, saħħet il-konċentrazzjoni tagħha fuq il-promozzjoni ta' demokrazija profonda u sostenibbli u żvilupp ekonomiku inklużiv. Demokrazija profonda u sostenibbli tinkludi, b'mod partikolari, elezzjonijiet liberi u ġusti, sforzi fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza ġudizzjarja, kontroll demokratiku fuq il-forzi armati u l-libertajiet tal-espressjoni, tal-għaqda u tal-assoċjazzjoni. L-UE enfasizzat ukoll ir-rwol li s-soċjetà ċivili tiżvolġi fil-proċess u introduċiet il-prinċipju ta' "aktar għal aktar", skont liema prinċipju l-Unjoni tiżviluppa sħubijiet aktar b'saħħithom ma' dawk il-ġirien li jagħmlu aktar progress lejn ir-riforma demokratika. F'Marzu 2015, il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) bdew proċess

[1]Għall-informazzjoni dwar ir-relazzjonijiet bilaterali bejn l-UE u s-Sħab tal-Lvant u s-Sħab tal-Mediterran, inti mitlub(a) tirreferi għall-iskedi informattivi dwar dawk it-temi (5.5.5; 5.5.6 u 5.5.7).

ta' konsultazzjoni għal rieżami ġdid tal-PEV. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tiegħu kien li jadatta l-għodod tal-politika biex iqisu aħjar l-aspirazzjonijiet speċifiċi tal-pajjiżi sħab. F'dan il-kuntest, fid-9 ta' Lulju 2015, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni li tissottolinja l-bżonn ta' PEV aktar strateġika, iffokata, flessibbli u koerenti. Fil-11 ta' Novembru 2015 is-SEAE u l-Kummissjoni ppreżentaw komunikazzjoni f'dan is-sens u bbażata fuq ir-riżultati tal-konsultazzjoni.

Fit-18 ta' Mejju 2017, is-SEAE u l-Kummissjoni ppubblikaw rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rieżami tal-PEV. Ir-rapport irrileva l-aktar approċċ flessibbli u sensittiv muri mill-UE fil-kooperazzjoni tagħha mas-sħab tal-PEV u l-użu aktar effiċjenti tar-riżorsi. Fis-27 ta' Marzu 2019, il-Parlament għadda riżoluzzjoni dwar wara r-Rebbiegħa Għarbija u t-triq 'il quddiem għar-reġjun tal-MENA, li rrikonoxxiet xi gwadann demokratiku fir-reġjun iżda li appellat għal riformi ekonomiċi, demokratiċi u soċjali ulterjuri.

## L-ISTRUMENTI

Il-PEV tibni fuq il-ftehimiet ġuridiċi fis-seħħ bejn l-UE u s-sħab tagħha — il-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni (FSK) u, aktar reċentement, il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni (FA).

Il-pjanijiet ta' azzjoni bilaterali u l-prijoritajiet tas-sħubija li tfasslu bejn l-UE u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi sħab huma ċentrali għall-PEV. Dawn jistabbilixxu l-aġendi għar-riforma politika u ekonomika bi prijoritajiet għal żmien qasir u għal dak medju (bejn tlieta u ħames snin). Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-prijoritajiet tas-sħubija tal-PEV jirriflettu l-bżonnijiet, l-interessi u l-kapaċitajiet tal-UE u ta' kull sieħeb. Huma jimmiraw li jiżviluppaw soċjetajiet demokratiċi u soċjalment ekwi u inklużivi, bl-għan li jippromwovu l-integrazzjoni ekonomika u jtejbu l-moviment transfruntier tal-persuni.

L-UE ssostni r-realizzazzjoni tal-objettivi tal-PEV permezz ta' appoġġ finanzjarju kif ukoll ta' kooperazzjoni politika u teknika. Il-biċċa l-kbira tal-fondi jingħataw permezz tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), b'allokazzjoni li tammonta għal EUR 15.4 biljun għall-perjodu 2014-2020. Strumenti u programmi oħrajn, bħall-Faċilità għas-Soċjetà Ċivili, jintużaw biex jiffinanzjaw il-PEV. Il-Kummissjoni tipprovdi wkoll appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotjiet lis-sħab u l-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp jikkomplementaw dan l-appoġġ permezz ta' self.

Barra minn hekk, ġew żviluppati għodod ġodda taħt il-PEV biex jiżdied l-aċċess għas-suq, partikolarment permezz tan-negozjati għal Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles Approfonditi u Komprensivi (DCFTAs) u biex itejbu l-mobbiltà u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. Bħala tali, l-isħubijiet ta' mobbiltà u l-faċilitazzjoni/liberalizzazzjoni tal-viża ġew offruti u konklużi ma xi sħab filwaqt li strument finanzjarju dedikat — il-Faċilità tas-Sħubija għall-Mobbiltà — tnieda fl-2016. Fir-reġjun tan-Nofsinhar, għadd ta' inizjattivi reġjonali u bilaterali dwar il-migrazzjoni u l-mobbiltà qegħdin jiġu finanzjati taħt il-Fond Fiduċjarju ta' Emerġenza tal-UE għall-Afrika, fil-parti tal-Afrika ta' Fuq.

Filwaqt li l-PEV hija mfassla bħala ġabra ta' strumenti ta' politika komuni, hija tippermetti wkoll lill-UE tadatta u "tiddivrenzja" l-politika tagħha skont l-ispeċifiċitajiet ta' kull sieħeb.

Bħala parti mid-diskussjonijiet dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) futur għall-2020-2027, l-arkitettura u l-funzjonament tal-istrumenti finanzjarji esterni tal-UE, inkluż is-SEV, qegħdin jiġu rieżaminati. F'dan il-kuntest, fit-18 ta' April 2018, il-

Parlament adotta rapport dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE, inkluż ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-2017 u l-arkitettura ta' wara l-2020 futura. Sa fejn huwa kkonċernat is-SEV, ir-rapport appella għal aktar flessibbiltà, għal użu aħjar tal-"aktar għal aktar" u għal approċċi bbażati fuq inċentivi u koordinazzjoni akbar bejn il-programmi reġjonali u bilaterali.

Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-arkitettura ta' finanzjament eżistenti għall-azzjoni esterna tal-UE għall-perjodu tal-QFP li jmiss u tintegra bosta strumenti finanzjarji fl-NDICI il-ġdid, inkluż is-SEV. Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fuq din il-proposta fis-27 ta' Marzu 2019, filwaqt li appella għal finanzjament ulterjuri, rwol akbar fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar għażliet politiċi sekondarji, u għas-sospensjoni tal-assistenza f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

## ID-DIMENSJONIJIET REĠJONALI

### A. Is-Sħubija tal-Lvant (SL)

Is-Sħubija tal-Lvant (SL) ġiet iffurmata sabiex "tgħolli l-livell" tar-relazzjonijiet tal-UE mal-maġġoranza tal-ġirien tagħha tal-Lvant: l-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarussja, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna. Is-SL ġiet miftiehma fl-2008 u inawgurata fl-2009 u tibni fuq il-PEV.

#### 1. L-objettivi

L-għan prinċipali tas-SL huwa li "tħaffef l-assoċjazzjoni politika u tapprofondixxi l-integrazzjoni ekonomika" bejn l-UE u l-ġirien tagħha tal-Lvant. Il-livell ta' integrazzjoni u kooperazzjoni jirrifletti l-impenn ta' kull pajjiż sieħeb għall-valuri, l-istandards u l-istrutturi Ewropej u l-progress tiegħu. Is-SL għandha l-għan li tippromwovi d-demokrazija u l-governanza tajba, issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija, tħeġġeġ ir-riformi settorjali (inkluża l-protezzjoni ambjentali), tinkoraġġixxi l-kuntatti interpersonali, tappoġġa l-iżvilupp ekonomiku u soċjali u toffri finanzjament addizzjonali għall-proġetti sabiex jitnaqqsu l-iżbilanċi soċjoekonomiċi u tiżdied l-istabbiltà[2].

#### 2. L-istrutturi

Is-summits tas-SL isiru kull sentejn, bil-parteċipazzjoni tal-kapijiet ta' stat jew ta' gvern tal-UE u tal-pajjiżi sħab u tar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni Ewropea u tas-SEAE.

Il-parteċipanti fil-ħames summit tas-SL, li sar fi Brussell fl-24 ta' Novembru 2017, evalwaw il-kisbiet tas-sentejn li għaddew u stennew b'interess l-implimentazzjoni ta' dokument ta' ħidma konġunt tal-persunal[3] li jipproponi approċċ aktar iffukat għall-ksib tar-riżultati taħt kull waħda mill-erba' prijoritajiet stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Riga dwar is-SL fit-22 ta' Mejju 2015:

— L-iżvilupp ekonomiku u l-opportunitajiet tas-suq;

[2]Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ikkonsulta t-taqsima dwar is-SL fuq is-sit web tas-SEAE.
[3]"Eastern Partnership — 20 Deliverables for 2020: Focusing on key priorities and tangible results". (Is-Sħubija tal-Lvant — 20 Riżultat għall-2020: Enfasi fuq il-prijoritajiet ewlenin u r-riżultati tanġibbli.)

— It-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-governanza tajba;

— Il-konnettività, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, l-ambjent u t-tibdil fil-klima;

— Il-mobbiltà u l-kuntatti interpersonali.

Fit-tħejjija għas-summit, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament dwar is-Sħubija tal-Lvant adottati fil-15 ta' Novembru 2017 ipprovdew kontribut ambizzjuż u li jħares 'il quddiem.

It-triq multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant hija bbażata fuq erba' pjattaformi tematiċi: id-demokrazija, il-governanza tajba u l-istabbiltà; l-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza mal-politiki tal-UE; is-sigurtà tal-enerġija; u l-kuntatti interpersonali. L-uffiċjali għolja jiltaqgħu tal-anqas darbtejn fis-sena u l-ministri għall-affarijiet barranin darba fis-sena. Il-ħidma tal-pjattaformi hija xi drabi promossa permezz ta' laqgħat ministerjali speċifiċi għas-setturi.

Ingħata bidu wkoll għal inizjattivi emblematiċi, fosthom: programm integrat għall-ġestjoni tal-fruntieri; faċilità għall-SMEs; swieq tal-elettriku reġjonali; u sforzi għat-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija, iż-żieda fl-użu tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-promozzjoni tal-governanza ambjentali tajba u għall-prevenzjoni tad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u l-preparazzjoni u r-reazzjoni għalihom.

L-Assemblea Parlamentari Euronest[4], stabbilita fl-2011, hija l-komponent parlamentari tas-SL u hija responsabbli għall-konsultazzjoni, is-superviżjoni u l-monitoraġġ tagħha. L-għan prinċipali tagħha huwa li tlaqqa' flimkien il-parlamenti tal-pajjiżi tas-SL u l-Parlament Ewropew u ssaħħaħ il-kuntatti interpersonali, tippromwovi l-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili u tipparteċipa b'mod aktar attiv fid-djalogu kulturali. Hija għandha l-għeruq tagħha fl-interessi u l-impenji reċiproċi u fil-prinċipji tad-divrenzjar u s-sjieda u r-responsabbiltà kondiviżi. Wieħed mir-rwoli tagħha huwa li tiskrutinizza l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi tas-SL u tista' wkoll toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-istrutturi intergovernattivi tas-SL bl-għan li trawwem integrazzjoni politika u ekonomika aktar profonda ta' dawn il-pajjiżi mal-UE.

L-assemblea s'issa ltaqgħet għal sebgħa sessjonijiet ordinarji, l-aktar waħda riċenti mill-25 sas-27 ta' Ġunju 2018 fi Brussell. Hija magħmula minn 60 Membru tal-Parlament Ewropew u 10 membri mill-parlament ta' kull pajjiż sieħeb. Madankollu, minħabba li l-Parlament Ewropew ma jirrikonoxxix lill-Assemblea Nazzjonali tal-Belarussja bħala istituzzjoni eletta demokratikament, attwalment l-ebda "membru parlamentari" mill-Belarussja ma jifforma parti mill-Euronest. L-Assemblea Parlamentari Euronest għandha erba' kumitati permanenti li huma l-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija, il-Kumitat għall-Integrazzjoni Ekonomika, l-Approssimazzjoni tal-Liġijiet u l-Konverġenza mal-Politiki tal-UE, il-Kumitat għas-Sigurtà tal-Enerġija u l-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali, l-Impjieg, l-Edukazzjoni, il-Kultura u s-Soċjetà Ċivili.

Barra minn hekk, Forum tas-Soċjetà Ċivili tas-SL[5] joħroġ rakkomandazzjonijiet "sabiex jinfluwenza lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-gvernijiet nazzjonali tas-SL".

---

[4]Għal aktar tagħrif dwar l-Euronest u l-attivitajiet tagħha, jekk jogħġbok żur is-sit web tal-Assemblea:
[5]Għal aktar tagħrif dwar il-forum tas-soċjetà ċivili jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili.

## B. L-Unjoni għall-Mediterran (UgħM)

L-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) tinkludi t-28 Stat Membru tal-UE, l-Unjoni Ewropea u 15-il pajjiż tal-Mediterran (l-Albanija, l-Alġerija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eġittu, Iżrael, il-Ġordan, il-Libanu, il-Mauritania, il-Montenegro, Monaco, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja (li l-adeżjoni tagħha hija sospiża minħabba l-gwerra ċivili), it-Tuneżija u t-Turkija). Il-Lega tal-Istati Għarab ipparteċipat fil-laqgħat kollha sa mill-2008 u l-Libja għandha status ta' osservatur.

### 1. L-objettivi

L-UgħM tikkostitwixxi qafas multilaterali għal relazzjonijiet politiċi, ekonomiċi u soċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi fin-Nofsinhar u l-Lvant tal-Mediterran. Tnediet fl-2008 matul is-Summit ta' Pariġi bħala kontinwazzjoni tas-Sħubija Ewro-Mediterranja (Euromed), magħrufa wkoll bħala l-Proċess ta' Barċellona. L-UgħM hija ispirata mill-objettivi stabbiliti fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona (1995), jiġifieri sabiex tinħoloq żona ta' paċi, stabbiltà, sigurtà, u prosperità ekonomika kondiviża, fir-rispett sħiħ tal-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, filwaqt li jiġi promoss il-fehim bejn il-kulturi u ċ-ċiviltajiet fir-reġjun Ewro-Mediterranju.

### 2. L-istrutturi

L-UgħM hija ppreseduta minn kopresidenza, li tenfasizza s-sjieda konġunta li tikkaratterizza l-grupp. Sa mill-2012, l-Unjoni Ewropea ħadet f'idejha l-kopresidenza tat-Tramuntana, u l-Ġordan assuma l-kopresidenza tan-Nofsinhar. Il-korp governattiv ewlieni tal-UgħM huwa l-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja, li tissorvelja u tikkoordina l-ħidma tal-UgħM. Il-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja tapprova wkoll il-baġit u l-programm ta' ħidma tas-Segretarjat, tipprepara l-laqgħat tal-ministri tal-affarijiet barranin u tal-formazzjonijiet ministerjali l-oħra u taħtar is-Segretarju Ġenerali u s-sitt Viċi Segretarji-Ġenerali. Il-laqgħa tiddiskuti wkoll il-proposti għall-proġetti mressqa mis-Segretarjat għall-approvazzjoni u l-iffirmar. Ir-rwol tas-Segretarjat tal-UgħM jikkonsisti, l-ewwel u qabel kollox, fl-identifikazzjoni, l-ipproċessar, il-promozzjoni u l-koordinament ta' proġetti tekniċi f'setturi bħat-trasport, l-enerġija, l-ilma, il-protezzjoni ambjentali, l-edukazzjoni għolja u l-mobbiltà, ir-riċerka, l-affarijiet soċjali, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, l-impjiegi u l-iżvilupp tan-negozju, li lkoll itejbu l-kooperazzjoni u jolqtu direttament ħajjet iċ-ċittadini. L-UE hija l-akbar kontributur għall-baġit tas-Segretarjat tal-UgħM.

L-Assemblea Parlamentari tal-UgħM tibni fuq ix-xogħol tal-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja u hija magħmula minn 280 membru: 132 membru mill-UE (83 membru mit-28 parlament nazzjonali tal-UE u 49 membru mill-Parlament Ewropew), tmien membri mill-pajjiżi sħab Ewropej tal-Mediterran (l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, Monaco u l-Montenegro), 130 membru mill-10 pajjiżi li jinsabu fix-xtut tan-Nofsinhar u tal-Lvant tal-Mediterran (l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, Iżrael, il-Libanu, il-Marokk, il-Palestina, is-Sirja (attwalment sospiża), it-Tuneżija u t-Turkija), u 10 membri mill-Mauritania.

L-Assemblea Parlamentari tal-UgħM torganizza tal-anqas sessjoni plenarja waħda kull sena; l-aktar riċenti kienet fi Strasburgu fit-13 u fl-14 ta' Frar 2019. Hija tadotta riżoluzzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet dwar l-aspetti kollha tal-kooperazzjoni Ewro-Mediterranja li jikkonċernaw l-organi eżekuttivi tal-UgħM, il-Kunsill tal-UE, il-

Kummissjoni Ewropea u l-gvernijiet nazzjonali tal-pajjiżi sħab. Il-Parlament Ewropew wettaq il-presidenza b'rotazzjoni tal-UgħM fl-2018-2019, qabel ma għaddiha lill-Gran Assemblea Nazzjonali tat-Turkija fl-aħħar sessjoni plenarja fi Strasburgu. L-Assemblea għandha ħames kumitati: l-Affarijiet Politiċi, l-Affarijiet Ekonomiċi, il-Kultura, in-Nisa u l-Enerġija.

María Álvarez López / Mario Damen
04/2019